

## Ritratt tal-ġimgħa

Ilbieraħ il-Belt Valletta kienet inkurunata l-Belt Kapitali Ewropea tal-kultura għal din is-sena. It-toroq u l-pjazez imtlew bl-attività, bil-kulur u b'poplu kburi bil-Belt Kapitali ta' pajjiżna. Il-qofol tal-attività kienet kollha fl-erba' pjazez ewlenin ta' pajjiżna; Pjazza Kastilja, Pjazza San Ġorġ, Pjazza San Ġwann u Pjazza Tritoni, li nfetħet għall-okkażjoni ilbieraħ.
Il-Belt Valletta se tibqa' żżomm dan it-titlu għall-2018.

Ritratt: James Bianchi

# Lill-ommijiet u l-missirijiet jiena x'se ngħidilhom?

## L-Arċisqof staqsa x'se ngħidu lill-ġenituri jekk nillegalizzaw mezz kif uliedhom jistgħu jixtru xi ħaġa li toqtolhom



Jesmar Baldacchino

jbaldacchino@mediatoday.com.mt

**HEKK staqsa l-Arċisqof Charles Scicluna meta kien mistoqsi dwar il-legalizzar tal-kannabis. Staqsa x'se jgħid lill-ġenituri, jekk hux ħaġa tajba li wliedhom jistgħu jmorru jixtru xi ħaġa li ddamdamhom.**

L-Arċisqof kien qed iwieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu minn Andrew Azzopardi waqt il-programm Għandi xi ngħid fuq Radju Malta. L-Arċisqof Scicluna qal li n-nies kollha li hemm fil-Caritas qalu li kollha bdew minn hekk, il-kannabis kienet għalihom it-tieqa li ġabitilhom ħsara kbira. Irrakkonta dak li ra meta kien l-Italja meta żar omm li spiċċat b'xejn, dar vojta, hekk kif binha ħadilha kollox biex ikollu l-flus għad-droga. Huwa saħaq li d-diskors kien dwar l-użu rikreazzjonali tal-kannabis u staqsa kif xi ħaġa li ssabtek u li teqirdek maż-żmien jista' jkollha funzjoni rikreazzjonali. Enfasizza li fuq pakkett tas-sigaretti dejjem qed nispiċċaw inkabbru l-avviż li n-nikotina tista' tagħmillek il-ħsara jew toqtlok u issa se nillegalizzaw sustanza li maż-żmien tkissrek.

L-Arċisqof staqsa wkoll jekk aħna aħniex lesti li nbiddlu l-valuri tal-pajjiż għal persuni li jridu jiġu hawn u jinvestu fil-kannabis u fil-prostituzzjoni. Ħeġġeġ biex ma ninsewx il-valuri li jagħmluna bnedmin u għandna nipproteġu d-dinjità tal-bniedem. Charles Scicluna qal li bħala poplu b'kuraġġ kbir għamilna għażla kontra l-abort meta aħna ninsabu ċċirkondati minn pajjiżi li jgħidu li l-abort huwa dritt.



Matul il-programm, Andrew Azzopardi staqsa lill-Arċisqof dwar is-separazzjoni bejn l-Istat u l-Knisja, bl-Arċisqof Scicluna jgħid li jekk titneħħa r-reliġjon Kattolika mill-Kostituzzjoni, il-Knisja f'Malta xorta se tibqa' teżisti. Qal li m'hemmx bżonn li jkun hawn dikjarazzjoni bħal din fil-Kostituzzjoni iżda li huwa importanti huwa li jibqa' jkun hawn il-libertà reliġjuża. Enfasizza li r-rilevanza jagħtihielek il-poplu u li l-libertà reliġjuża għandha tkun il-pedament ta' kull stat sekulari. L-Arċisqof spjega li l-awtorità reliġjuża m'għandhiex rilevanza f'dak li għandu x'jaqsam il-governanza tal-pajjiż filwaqt li spjega li f'Malta hawn istituzzjonijiet ċivili li huma awtonomi u għalhekk huwa tajjeb li jkollna stat sekulari u ma jaħsibx li l-irwol tal-Knisja jew ta' reliġjon għandu jkun li tkun xi qawwa ta' Gvern fil-pajjiż.

Charles Scicluna qal li jinkwieta jara li fl-2018 għad hawn pajjiżi fejn il-liġi tkun l-istess liġi tar-reliġjon. Spjega li għandna nibqgħu nirrikonoxxu li l-kultura ta' pajjiż tħaddan reliġjon partikolari. Dwar il-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, l-Arċisqof Charles Scicluna qal li kull bniedem ta' rieda tajba jinkwieta b'dak li ġara. Sostna li jagħmlu sew l-awtoritajiet li jserħulna rasna li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin. Qal li dakinhar li nqatlet Caruana Galizia rrealizza li l-innoċenza ta' Malta u inkwieta meta tgħid li f'Malta sfortunatament għandna industrija tal-mewt.